# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Awwissu, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Rion Azzopardi**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Rion Azzopardi, ta' 32 sena, iben John u Carmen nee' Aquilina, imwieled Pieta, nhar il-15 ta' Marzu, 1988 u residenti fil-fond Block G, Ent C, Flat 1, Triq il-Qalb ta' Gesu, Birgu u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 46288(M).

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Awwissu, 2020 ghal habta ta' 8pm u fis-sieghat u/jew granet u/jew gimghat ta' qabel gewwa Zabbar u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoniiet tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Ikkaguna lil eks siehba tieghu u cioe' Omissis 1 li tigi wkoll omm it-tifel tieghu Omissis 2, fastidju meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmi minuri;
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil Omissis 1 , taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;
3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Omissis 1 ;
4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U talli nhar id-29 ta' Awwissu, 2020 ghal habta tat-8pm gewwa Zabbar

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band' ohra fil-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Rion Azzopardi a beneficcju ta' Omissis 1 u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Omissis 1 jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Rion Azzopardi b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u li l-impputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, hadet in konsiderzzjoni ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 251A, 338(dd), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sitt (6) xhur prigunerija** li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospiezi ghal perjodu ta' sentejn** u **multa ta' hames mitt Euro (500)** li ghandha tithallas fi zmien sena. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Omissis 1 qed tpoggi lill-imputat taht

**Ordni ta Trazzin ghal perjodu ta' sena** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lil-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk l-imputat jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**